# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

GUDIKATUR
**AVV. DR. DUNCAN BORG MYATT**

**Udejnza tat-Tlieta 9 ta' Lulju 2024**

**Talba nru. 356/2021**

**OWEN GALEA**
**(KI 194496M)**

*VERSUS*

**JOSEPH PORTELLI ET**
**(KI 155557M)**

**IT-TRIBUNAL,**

Ra illi b'Avviz tat-Talbaipprezentat fis-7 ta' Dicembru 2021 (Fol 1 et seq), l-attur talab lil dan it-Tribunal sabiex jikkundanna lill-konvenuti jhallsu l-ammont rimanenti u cioe ta' hamest elef tmien mija u erbgha u ghoxrin Ewro (Eur 5,824.00) bilanc minn ammont akbar ghal xogholijiet li l-istess attur gie inkarigat li jaghmel fuq is-sit Dahlet Oliander H'Attard. Bl-imghax u bl-ispejjez inkluz ta' l-ittra ufficcjali 3371/2021 u l-ittra ufficcjali datata 21 t'April 2021.

Ra r-risposta tal-konvenuti ipprezentata fil-15 ta' Marzu 2022 fejn laqghu ghat-talbiet attrici billi ecceppew illi t-talbiet huma nfondati fil-fatt u fid-dritt, li l-kont ta' l-attur huwa eccessiv u li x-xogholijiet saru bi traskuragni u negligenza u ma gewx mahduma skond l-artiu u s-sengha.

Illi l-konvenuti rikonvenzjonati ipprezentaw kontro talba fejn talbu lil dan it-Tribunal jikkundanna lill-atur rikonvenut ihallas l-ammont ta' hamest elef Ewro (Eur 5000) rapprezentanti danni sofferti minnom u dan b'rizultat illi x-xoghol li sar mill-attur ma sarx skond l-arti u s-sengha.

Ra r-risposta ta' l-attur rikonvezjonat ipprezentata fit-8 t'April 2022 fejn gie eccepit illi t-talbiet tal-konvenuti huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante illi x-xogholijiet saru skond l-arti u s-sengha u skond l-istruzzjonijiet tal-konvenuti.

Ra d-dokumenti esebiti.

Sema x-xhieda.

Sema t-trattazzjoni ta' l-abbli difensuri.

Ra l-atti processwali.

Ra illi din il-kawza thalliet ghas-sentenza.

Provi

Illi qabel dan it-Tribunal jghaddi biex jaghmel il-kunsiderazzjonijiet tieghu a bazi tat-talbiet u l-kontro-talba ipprezentati, ikun utli li ssir sintezi tal-provi migjuba.

Fl-udjenza ta' l-20 ta' Gunju 2022 xehed il-Perit Antoine Abdilla li kellu l-inkarigu ta' Site Technical Officer matul ix-xogholijiet ta' skavar u demolizzjoni. Ix-xhud ighid illi l-iskavar kien jinkludi tnehhija ta' meterjal li kien hemm u skavar tal-blat sal-livelli rikjesti.

Fl-istess seduta xehed Mario Galea, li kien il-kuntrattur li kellu jqatta l-blat u li dam jaghmel dan ix-xoghol ghal madwar xahar. Ix-xhud jghid illi qabel bdew ix-xogholijiet kienu inghataw ir-rati lill-konvenuti u gie iffirmat dokument. Jghid illi r-relazzjoni mal-konvenuti dejjem kienet problematika ghaliex l-pjanijiet ta' kif kellom isiru x-xogholijiet kienu jinbidlu ta' spiss. Rigward il-fond ta' skavar, ix-xhud ighid illi kellom jinzlu 1.4 metri mil-livell tat-triq skond struzzjonijiet tal-perit. Suggerit lix-xhud li fil-fatt kienu skavaw tlett filati iktar, ix-xhud ighid illi huma dejjem imxew mad-direzzjoni tal-perit u li fl-ebda mument hadd ma lmenta li kien gie skavat iktar milli suppost. (Fol.38).

L-attur ipprezenta affidavit (Fol.43 et seq) fejn ighid illi kien gie iffirmat dokument bejn il-partijiet kollha fejn kien sar qbil dwar ir-rati ghax-xoghol li kien ser isir. Ix-xoghol tlesta f'Novembru 2020 u fit-22 ta' Novembru 2020 kienet intbghatet invoice finali ghal hlas ta' dan ix-xoghol li sar mill-attur. L-ammont ta' din l-invoice kien jammonta ghal Eur 74,625 li minnhom il-konvenuti hallsu Eur 36,495. Fir-rigward tal-bilanc, l-attur u l-konvenuti kienu qablu li jsir hlas ta' Eur 32,306. B'hekk kien baqa bilanc ta' Eur 5824. Minn dan il-bilanc hemm l-ammont ta' Eur 700 illi l-attur kellu jinkorri fi transport sabiex nehha u rega ha l-makkinarju fuq is-sit.

Fir-rigward tal-fond li thaffer, l-attur ighid, "*jien kelli struzzjonijiet mill-Perit Andrew Psaila sabiex ninzel 2.4 metri l-isfel. Jiena ghamilt hilti sabiex inwettaq din l-istruzzjoni*." L-attur ikompli jghid illi l-Perit Andrew Psaila kien issuggerixxa illi jitqabbad surveyor sabiex dan l-iskavar isir b'mod preciz. Izda l-konvenuti ma qablux. Wara li sar dan ix-xoghol, l-attur ighid li qatt ma kellu lmenti illi kien haffer iktar milli suppost. L-attur ighid illi l-ewwel darba li sema illi x-xoghol ma kienx sar skond l-arti u s-sengha kien biss f'din il-kawza.

Fl-udjenza tal-31 ta' Jannar 2023 xehed il-Perit Andrew Psaila li qal illi l-excavation method statement ma kienx fir-rwol tieghu. Il-Perit ighid illi qatt ma tqabbad surveyor fuq is-sit. Il-perit ighid illi kien hemm xi diskrepanzi fil-fond tat-thaffir izda dan jista jsehh skond il-blat.

Il-Perit Cleaven Maniscalo xehed fl-istess seduta fejn ighid illi fuq dan is-sit huwa kien il-Geotechnical Engineer. Ix-xoghol tieghu kien jikkonsisti billi, *"dan is-sit ta' ma genb is-sit li konna involuti fih bazikament kellu bir pjuttost kbir u dan kien qieghed ezatt mal-hajt ta' l-appogg u prattikament xogholi li kien li nara li jiena li dak il-bir ma jinfaqax u li meta jeskavaw l-eskavazzjoni tkun safe prattikament . . ."* (Fol.69) Ix-xhud ighid illi skond il-method statement kellu jigi skavat 2.4 metri. Ix-xhud ighid a fol.71 illi "huwa normali li jigi skavat per ezemoju farka iktar specjalment per ezempju hemm hekk f'dik is-site hemm ammont ta' qieghan. . ." Il-perit ighid illi tlett filati mhux meqjusin bhala ftit f'termini ta' diskrepanza.

L-attur gie kontro ezaminat fl-istess seduta tal-31 ta' Jannar 2023 fejn qal illi fuq is-sit kien ikun hemm jahdmu hu u haddiem iehor tieghu. Jghid ukoll illi l-makkinarju kellu jnehhih ghaliex inbidel kif kellu jsir ix-xoghol u riedu jidhlu haddiema ohra qabel ikompli. L-attur jikkonferma illi ma kienx informa lill-konvenuti li kien ser ikun hemm hlas ghal mobilizzazzjoni tal-makkinarju.

L-attur kompla jigi kontro ezaminat matul is-seduta tat-23 ta' Frar 2023 fejn ikkonferma illi l-haddiem li kien ikollu mieghu kien Daniel Amahian.

Il-konvenut Carmel Aquilina xehed permezz ta' affidavit fejn qal illi flimkien mal-konvenut l-iehor kienu qabbdu lill-attur sabiex jiskava sit, wara li dan gie rakkomondat mill-perit. Il-konvenut ighid illi l-iskavar bil-musmar kien sar b'rata tajba u wara inqatghu zewg piedi u nofs minn mal-hajt divizorju bis-sega u wara beda x-xoghol bid-drum cutter. Ix-xoghol bid-drum cutter beda jsir b'rata bil-mod hafna. Il-konvenut jikkonferma illi *"ix-xoghol ta' skavar kellu jieqaf ghal ftit zmien ghaliex kellna bzonn naghmlu travi tal-konkos mal-hajt divizorju. Ahna konna infurmajna lil Owen Galea li kellna bzonn nieqfu ghal ftit zmien. Owen Galea kien minnufih nehha l-makkinarju u ghamel rampa biex ikun jista johrog*." L-ispejjez ta' Eur 700e sabiex l-attur nehha u rega gab il-makkinarju qeghdin jigu kontestati ghaliex il-konvenut ighid illi qatt ma kienu jafu bihom. Fix-xhieda tieghu, l-konvenut ighid illi hija l-fehma tieghu illi x-xoghol kellu jiehu inqas zmien sabiex jitlesta.

Il-konvenut Joseph Portelli ikkonferma dak kollu li xehed Carmel Aquilina.

Il-konvenut Carmel Aquilina xehed ulterjulment fid-9 ta' Mejju 2023 fej qal illi minhabba li l-iskavar sar f'fond iktar milli suppost, il-konvenuti kellom jidhlu fi spejjez ta' torba, hadid u bricks. Il-konvenut ipprezenta dokumenti b'lista ta' spejjez illi kellhom jinkorru minhabba din id-differenza fit-thaffir.

Kontro ezaminat, il-konvenut fit-28 ta' Gunju 2023 ighid illi huwa ma kienx ordna lill-attur sabiex jieqaf mix-xogholijiet u lanqas kien saqsih ghalfejn kien nehha l-makkinarju. Jghid ukoll illi huwa tal-fehma li l-lavrant ix-xoghol kien jaghmlu bil-mod. A fol.78 il-konvenut ighid illi ix-xoghol sar skond kif kien ighid il-perit u li l-konvenut dejjem sema milli kien ighid il-perit (Fol.78)

<u>Ikkunsidra</u>

Illi it-talba attrici sabiex il-konvenut ihallas lill-attur l-ammont ta' Eur 5000 hija bbazata fuq bilanc dovut parti minn somma akbar illi l-konvenuti hallsu lill-attur ghal xoghol ta' skavar. Min-naha

taghhom, il-konvenuti ressqu kontro talba ghall-istess ammont ta' Eur 5000 ghal spejjez li kellhom jinkorru minhabba illi x-xoghol li wettaq l-attur ma kienx skond l-arti u s-sengha.

Illi din il-kawza tirrivolvi madwar fatti, ipprezentati diametrikament opposti mill-partijiet kif jigri hafna drabi.

Illi ghar-rigward tat-talba attrici, ma hemm l-ebda dubju li l-konvenuti kienu appuntaw lill-attur, wara rakkomondazzjoni tal-perit taghhom stess, sabiex jaghmel xoghol ta' skavar fis-sit Dahlet Oleander Attard. Qabel inbeda x-xoghol, l-attur kien ressaq ir-rati tieghu f'dokument illi jinsab a fol. 47 li l-konvenuti kienu accettaw u iffirmaw. L-ammont ghax-xogholjiet li saru kien jammonta ghal Eur 74,625 u minn dan l-ammont thallsu Eur 68,801 u cioe il-maggor parti tal-kont mahrug mill-attur. Il-bilanc reklamat mill-attur ma thallasx mill-konvenuti a bazi ta' dawn ir-ragunijiet: -

a. Skavar iktar fond milli maqbul
b. Xoghol mhux skond l-arti u s-sengha
c. Ammont totali huwa eccessiv

Fir-rigward ta' l-iskavar, dan it-Tribunal sema lill-periti imqabbda mill-konvenuti stess, illi jispjegaw illi matul it-tqattiegh huwa normali li wiehed ma jzommx ezatt mal-qis u dan minhabba in-natura tal-blat li jkun qed jitqatta. Gie kkonfermat mix-xhieda tal-periti illi kien hemm partijiet, partikolarment fuq in-naha ta' quddiem tas-sit, fejn l-iskavar nizel iktar mill-qis maqbul. Izda fil-fehma tat-Tribunal, a bazi ta' dak li xehdu l-periti, matul l-iskavar fil-blat, huwa pjuttost normali illi wiehed ma jzommx mal-qis ezatt u dan minhabba n-natura tal-blat. It-Tribunal jinnota wkoll illi wahda mill-iktar elementi important matul l-iskavar kienet illi dawn ix-xogholijiet ma joholqux periklu u nkonvenjent lill-girien u ghaldaqstant dan ix-xoghol kellu jsir b'kawtela kbira. Dan l-iskavar sar taht supervizjoni tal-perit li kien responsabbli mill-binja kif ukoll minn perit iehor li kellu jsegwi specifikament l-iskavar. Fl-ebda hin ma jirrizulta illi d-diskrepanza li kien hemm fl-iskavar holoq xi problemi li jimmeritaw li l-attur ma jithallasx ghal xogholu.

Fir-rigward tal-lanjanzi l-ohra tal-konvenuti u cioe li l-kont kien eccessiv u li x-xoghol ma sarx skond l-arti u s-sengha, t-Tribunal jikkunsidra s-segwenti: -

Illi fir-rigward ta' l-ammont totali mitlub, l-konvenuti jilmentaw fuq l-ammont ta' Eur 700 ghall-mobilizzazzjoni tal-makkinarju u ammont iehor ghal xoghol li ha hin iktar milli suppost. Mhux kontestat illi l-attur kellu jieqaf mix-xogholijiet minhabba xogholijiet ohra li kellhom isiru minn haddiema ohra. Il-konvenuti jghidu li huma qatt ma ordnaw lill-attur biex inehhi l-makkinarju izda fl-istess waqt jaffermaw illi l-attur kellu jieqaf mix-xoghol ghal ftit zmien. Huwa minnu li l-attur ma kienx semma dan l-ammont li zied fil-kont tieghu, izda min-naha l-ohra, l-konvenuti ma jistawx jippretendu illi l-attur izomm il-makkinarju wieqaf fis-sit taghhom bla ebda uzu.

Il-konvenuti jilmentaw illi l-kont kien eccessiv pero ma jgibu l-ebda prova in sostenn tad-difiza taghhom. Skond il-konvenut Carmelo Aquilina x-xoghol ta' l-iskavar seta sar f'iqsar zmien, izda din hija l-opinjoni tieghu biss u meta kien ilmenta dwar dan mal-perit, l-istess konvenut ighid illi l-perit kien qallu li kien baqa biss jumejn xoghol.

Illi l-kunsiderazzjonijiet li jrid jaghmel dan it-Tribunal huma a bazi ta' natura fattwali u cioe fejn t-talba attrici qed tigi kontestata b'numru ta' allegazzjonijiet illi fil-fehma ta' dan it-Tribunal ma gewx ippruvati. Fi kliem semplici, l-konvenuti fid-difizi taghhom ma ressqux prova illi turi illi verament kien hemm xi nuqqas da parti ta' l-attur jew li x-xogholijiet ma sarux skond l-arti u s-

sengha kif allegat. Iz-zewg periti li xehdu fl-ebda punt ma tefghu l-icken dubju fuq xoghol hazin jew problemi li kienu kkawzati mill-attur u/jew ix-xoghol mwettaq minnu. Fir-rigward tal-kont, ir-rati li servew ta' bazi ghall-ammont totali kien hemm qbil fuqom u ghaldaqstant l-kontestazzjonijiet tal-konvenuti huma pjuttost imqanqla f'tentattiv biex jiggustifikaw l-ammont li ma jiridux ihallsu kapriccozament.

Il-konvenuti min-naha taghhom ressqu kontro talba ibbazata fuq l-ispejjez li kellhom jinkorru minhabba traskuragni da parti ta' l-attur. Jibda biex jinghad, illi l-konvenuti permezz ta' Carmelo Aquilina, elenkaw l-ispejjez li kellhom ihallsu ghal materjal li kellu jinxtara. It-Tribunal kien jistenna li l-perit responsabbli mill-progett u li tela bhala xhud, kien jispjega l-ispejjez li kien hemm bzonn biex jigi retifikat l-izball li seta sar mill-attur. Mhux talli dan ma sarx, izda l-konvenut ipprezenta lista ta' spejjez maghmula bl-idejn u li ma ngibiet l-ebda prova in sostenn ta' dak li kien qed jigi allegat.

Illi fid-dawl tal-provi migjuba, danit-Tribunal ma jarax ghalfejn m'ghandux jilqa t-talba attrici, ghal xoghol li sar fis-sit tal-konvenuti. Min-naha l-ohra dan it-Tribunal ma jemminx illi l-konvenuti kellhom jidhlu f'xi spejjez kif pretiz minnom sabiex jirrimedjaw id-differenza fl-iskavar u lanqas huwa gustifikat dak li jallegaw rigward ir-ritmu tax-xoghol.

**Decide**

Ghaldaqstant dan it-Tribunal qieghed jaqta u jiddeciedi din il-kawza billi jilqa t-talba attrici u jichad l-kontro talba imressqa mill-konvenuti u konsegwentament jikkundanna lill-konvenuti jhallsu l-ammont ta' hamest elef Ewro (Eur 5000) bl-imghaxijiet bir-rata ta' 8% fis-sena fuq dan l-ammont dekorribbli mis-7 ta' Dicembru 2021 u li jibqa' ghaddej u jiddekorri sad-data tal-hlas effettiv u finali. L-ispejjez gudizzjarji marbuta ma' dawn il-proceduri huma kollha a kariku tal-konvenuti.

**Avv. Duncan Borg Myatt**
Gudikatur